MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## IAN FARRUGIA

SEDUTA TAS-17 TA' OTTUBRU, 2013

NUMRU 1084/2004

**IL-PULIZJA**
**(Spettur Ramon Cassar)**
**Vs**

**SIMONE GRIXTI**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Simone Grixti** ta' 21 sena, imwielda nhar id-19 ta' Awwissu, 1984 fil-Pieta`, bint Anthony u Josephine nee' Oliva u residenti Flat 2 GT Court, Triq il-Villeggjatura, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta tal-identita' maltija bin-numru **491484M**, giet akkuzata talli :

1. nhar id-29 ta` Novembru 2004 ghall-habta tal-ghaxra ta` filghodu f'San Pawl il-Bahar, ikkommettejt serq ta` mobile phone tal-marka Panasonic ghad-dannu ta` Clinton Sammut, liema serq huwa aggravat bil-valur u dan bi ksur ta` l-Artikolu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
2. u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt

hwejjeg haddiehor u cioe` l-istess mobile phone ghad-dannu ta` Clinton Sammut (Artikolu 325(1)(b)).
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;
Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;
Rat li, fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2013, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet ta` serq u hsara volontarja kif dedotti, anki wara li inghatat zmien skond il-ligi biex tahsibha;
Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur.
Ikkunsidrat;
Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjoni tal-ispettur tal-pulizija, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghha jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghhom.
Ikkunsidrat;
Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss - il-fedina penali nettissima tal-hatja, l-ammissjoni ta` Simone Grixti qabel ma bdew jinstemghu il-provi, li ser titqies minn din il-Qorti bhala ammissjoni bikrija li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza; il-fatt li hi ma rritornatx il-mobile phone mehud u lanqas ma kkompensat lid-derubat (li llum huwa mejjet skond id-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur); il-fatt li Simone Grixti ghandha problemi socjali kbar, kellha trobbija xejn felici u sfortunatament kienet meqruda bl-abbuz tad-droga w il-fatt li hi trid li tirriabilita` ruhha minn dan l-abbuz.
Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati ta` serq u hsara volontarja kif migjuba kontra l-hatja huma reati serji, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati jew hatja ta` reati kif migjuba kontra Simone Grixti, jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija.
**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Simone Grixti hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti

kontra taghha u tikkundannaha **hames (5) xhur prigunerija**.
Il-Qorti, in vista tac-cirkostanzi, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin sabiex jaghti lill-hatja Simone Grixti l-ghajnuna li hi ghandha bzonn f'kaz ta` opportunita` li ssegwi programm ta` riabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------